MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 63/2004

**George Farrugia**

**vs**

**Charles Andrew Cordina**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Tghid ghaliex inti konvenut m’ghandekx tkun ikkundannat thallas is-somma ta’ elf u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1028.50) liema ammont bhala kera li ghandha tithallas bil-quddiem lill-attur rapprezentanti hlas mill-ewwel ta’ Gunju 2004 sa l-ahhar ta’ Novembru 2004 tal-fond ossia garaxx minghajr isem jew numru ufficjali fi Pjazza Kennedy, Rabat, Ghawdex bl-imghax legali mid-data ta’ l-ittra ufficcjali ta’ Gunju, 2004 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-tnejn (2) ta’ Gunju, elfejn u erbgha (2004) u kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali spedita lilek f’Gunju, elfejn u erbgha (2004).
Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa inti konvenut diga’ intom ingunti.”

Ra r-risposta:

“Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

Illi l-eccipjenti diga hallas il-kera kollha mertu ta’ dan l-avviz u ghaldaqstant m’hemm l-ebda pagament x’jaghti lill-attur f’dan ir-rigward.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.”

Sema l-provi;

Ikkunsidra

Illi t-talba attrici tinstab sodisfacentement ippruvata mill-provi mressqa filwaqt li l-konvenut ma gab l-ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu. Ghall-korrettezza, it-Tribunal ihoss li ghandu jirrileva li t-talba kellha tkun ghall-hlas ta’ cens, u mhux tal-kera, kif hemm fl-att promotur. B’danakollu t-talba xorta wahda tista f’dan il-kaz partikolari tigi milqugha bl-applikazzjoni tal-ekwita’ u a skans ta’ litigji ulterjuri bla htiega, anke ghax ma saret l-ebda eccezzjoni f’dan is-sens; huwa evidenti li l-kelma *kera* intuzat minhabba semplici *lapsus* u wkoll jirrizulta bl-iktar mod car mill-atti ta’ din il-kawza li fil-fatt l-atturi riedu jirreferu ghal cens u d-difiza tal-konvenut bl-ebda mod ma giet ippregudikata minhabba dan l-izball.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba kif dedotta fl-avviz tat-talba billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ LM1,028.50c ammont ta’ cens bejn l-1 ta’ Gunju 2004 u Novembru 2004 ghall-fond ossia garaxx bla isem jew numru ufficcjali fi Pjazza

Kennedy, Rabat, Ghawdex bl-imghax legali mill-1 ta' Gunju 2004 sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja u dik ufficcjali it-tnejn ta' Gunju 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------